**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha, 17 ta' Gunju 2020**

Numru 4

**Rikors Guramentat Nru. 343/2016**

**Keith Balzan Gera**

**vs**

**Ludwig Calleja u martu Claire**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tas-27 ta' April, 2016 li jghid hekk:

1. Illi huwa u l-konvenut kienu jaghmlu xoghlijiet ta' plumbing u e!ettriku f'diversi postijiet u filwaqt illi kien imexxi x-xoghol l-istess Ludwig Calleja il-profitti netti kellhom jinqasmu bejn il-partijiet fi kwota indaqs bejniethom.

2. Illi irrizulta li saru diversi xoghlijiet ghand diversi persuni illi ismijiethom jidhru bhala xhieda f'din il-kawza u dawn tellghu l-ammont ta' sehem l-attur ta' tletin elf, erba' mija u disgha u ghoxrin ewro u erba' centezmu (€30,429.04).

3. Illi fis-sebgha (7) ta' Mejju 2014 l-attur kien interpelia lill-konvenut ghal konteggi u l-hlas tal-ammonti jew inkella jikkompensahom ma' kwalunkwe kreditu iehor illi seta' kellu.

4. Illi peress illi kwalunkwe tentattiv illi ghamel l-attur biex jithallas kellu bhala risposta atteggjament ostili u anke rapporti illi kienu infondati mal-Pulizija ma kellux triq ohra hlief illi jaghmel din il-kawza ghal hlas ta' dak li hu dovut lilu ta' nofs ix-xoghlijiet li saru.

5. Illi l-esponenti kellu l-opportunita illi jaghmel verifika mal-persuni illi sar hlas minnhom lil konvenuti u li qatt ma gew mghoddija n-nofs taghhom lill-attur.

6. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza ghall-ammont ta' tletin elf, erba' mija u disgha u ghoxrin ewro u erba' centezmu (€30,429.04) jew kull somma ohra verjuri li tirrizulta dovuta dwar l-istess ftehim.

Kawzali
Peress illi l-attur huwa kreditur tal-konvenut f'somma ta' tletin elf, erba' mija u disgha u ghoxrin ewro u erba' centezmu (€30,429.04) sehemu minn diversi xoghlijiet li saru bejn il-kontendenti ta' plumbing u elettriku f'diversi postijiet u fi djar jew progetti f'Malta.

Peress illi l-konvenut naqas illi jaghti s-sehem dovut ta' nofs l-introjtu nett lill-attur u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talba
Ghalhekk jghid il-konvenut ghala:

1. Prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u moghti kull provvediment opportun ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex tikkundannah li jhallas lill-attur is-somma ta' tletin elf, erba' mija u disgha u ghoxrin ewro u erba' centezmu (€30,429.04) sehmu mill-qliegh tax-xoghlijiet li saru f'diversi postijiet jew kull somma ohra verjuri illi tirrizulta.

2. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li hu ingunt ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet skont il-ligi mill-prezentata ta' dan l-att u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni tar-rikorrenti hija wahda improponibbli u din l-Onorabbli Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici ghaliex dwar il-mertu ta' dawn il-proceduri diga kien hemm proceduri li llum huma res judicata fejn l-intimat Ludwig Calleja igawdi minn titolu ezekuttiv fil-konfront tar-rikorrenti fis-somma ta' dsatax-il elf ewro dwar l-istess mertu, liema proceduri l-istess rikorrent ghazel li ma jikkontestax u wisq inqas ipprova jattakka t-titolu ezekuttiv gia hekk ottenut mill-intimat Calleja fil-konfront tieghu;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante li din il-kawza saret purament u esklussivament sabiex twaqqaf lill-intimat Ludwig Calleja milli jisbanka somma depozitata mill-istess rikorrenti wara li huwa ipprezenta mandat ta' sekwestru ezekuttiv kontra l-istess rikorrenti in segwitu ghal titolu ezekuttiv ottenut minnu fil-konfront tar-rikorrenti b'rabta mal-istess mertu ta' din il-kawza;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt b'mod partikolari in vista tal-fatt li mhux biss ir-rikorrent ha sehmu mid-dhul ta' l-appalti moghtija lilu u lill-intimat Calleja minn terzi izda addirittura approprja ghalih ghodod u l-intimat Calleja inkorra spejjez b'rabta mal-istess appalti li r-rikorrenti ma refax in-nofs tieghu kif ukoll inkorra spejjez sabiex ikompli ilesti x-xoghol li minkejja li r-

rikorrent kien thallas tieghu abbanduna s-sit tax-xoghol u f'dan is-sens l-intimat Calleja llum igawdi minn titolu ezekuttiv kontra l-istess rikorrent fis-somma ta' dsatax-il elf ewro;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li ghandha tichad l-eccezzjonijiet kollha precedenti tal-intimati u tilqa' t-talbiet attrici, kwalsiasi somma li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li ghandha tiddikjara li hija spettanti lir-rikorrent mill-intimati, ghandha tigi pacuta kontra s-somma spettanti lill-intimati mir-rikorrent u li huma diga jgawdu titolu ezekuttiv fil-konfront tar-rikorrent.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huwa minn issa ingunt in subizzjoni u b'rizerva ta' kull azzjoni spettanti lill-esponenti fil-ligi.

Rat l-atti u l-provi prodotti u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza fejn l-attur qed jippremetti li l-kontendenti kellhom ftehim ta' shubija fuq xoghlijiet ta' plumbing u elettriku bil-profitti netti jinqasmu bejn tnejn. Isostni li l-konvenut naqas li jaghtih sehmu minn dawn ix-xoghlijiet liema sehem ilahhaq €30,429.04.

Il-konvenut qed jilqa' ghal din it-talba b'diversi eccezzjonijiet. Isostni li l-mertu hu gia res judicata bejn il-partijiet wara li ottjena titolu ezekuttiv kontra l-istess attur billi dan naqas li jirispondi u jattakka l-ittra ufficjali maghmula taht l-artikolu 166A tal-Kap. 16. Fil-mertu sostna illi l-attur mhux talli ha sehmu mid-dhul tal-appalti izda approprija ghalih ghodod tal-istess konvenut u l-attur inkorra spejjez li ma hallas sehmu ghalihom l-attur, kif ukoll kellu jlesti xoghlijiet li kien thallas ghalihom l-attur. Fl-aghar ipotesi jsostni li jekk it-talbiet attrici jirrizultaw fondati ghandha issir tpaccija tal-flus depozitati fil-Qorti mill-attur in segwitu ghat-titolu ezekuttiv tal-konvenut.

Bhala fatti jidher pacifiku bejn il-partijiet li ghal xi zmien bejn l-2013 u l-2014 kellhom shubija fuq xoghlijiet ta' appalt bi qsim tal-profitti nofs bin-nofs. Il-partijiet fix-xiehda taghhom wahhlu f'xulxin li ma kienux qed ikunu korretti ma' xulxin biz-zewg partijiet jixlu lil parti l-ohra li kienet qed izzomm il-flus kollha li kienu qed jidhlu mill-appalti li

dahlu ghalihom. Fl-2014 qam l-inkwiet bejn il-partijiet sakemm f'Lulju 2015 il-konvenut baghat ittra ufficjlai a bazi tal-artikolu 166A tal-Kap. 16 fejn talab lil attur ihallsu €19,000 valur ta' ghodda approprjata, hlasijiet li ghamel il-konvenut b'rabta ma' xoghol li hadu bi shab u spejjez inkorsi mill-konvenut b'rabta ma' xoghol li kellu jkompli l-istess konvenut wara li l-attur kien gia thallas tieghu. Ma saret ebda risposta ghal din l-ittra ufficjali ghalkemm l-attur jghid li giet prezentata oppozizzjoni ghat-talba pero ma instabitx fil-Qorti. Jidher ghalhekk illi l-konvenut ottjena titolu ezekuttiv a bazi ta' dak mitlub.

**Eccezzjoni ta' res judicata**

Il-konvenut qed jopponi ghat-talba attrici ghax jallega illi t-titolu ezekuttiv ottenut hu ta' impediment ghal kawza odjerna ghax il-mertu bejn il-partijiet hu gia ezawrit. Il-Qorti ma taqbilx mal-konvenut. Jibda biex jinghad illi l-ittra ufficjali ma tispecifikax fid-dettal f'hix kien jikkonsisti l-kreditu ta' €19,000. Kull ma jinghad hu approprijazzjoni ta' ghodda, hlasijiet lil terzi u spejjez inkorsi mill-konvenut u hlasijiet li inzammu mill-attur. Hu minnu illi l-mertu tal-azzjoni odjerna tirrigwarda l-ishubija bejn il-partijiet u qsim inekwu tal-profitti pero biex il-konvenut jirnexxi fl-eccezzjoni tieghu jrid juri mhux biss li l-azzjoni tinvolvi l-istess persuni, izda li hemm l-istess identita tal-oggett tal-gudizzju u l-fatt guridiku li minnu jitwieled id-dritt reklamat. Il-Qorti tqis li fl-eccezzjoni tal-konvenut jonqos l-eadem res. L-oggett mitlub f'dan il-gudizzju hu s-sehem tal-attur minn xoghlijiet specifici maghmula mill-kontendenti lil terzi li ghalihom allegatament thallas il-konvenut. Il-konvenut fl-ittra ufficjali ghalkemm isemmi li l-attur zamm ghalih flus ta' xi xoghlijiet imqabbda lilhom minn terzi, imkien ma jispecifika liema kienu dawn ix-xoghlijiet u ghalhekk ma hemmx l-identita tal-oggett mal-oggett li qed jirreklama l-attur bazi tal-causa petendi. Kif intqal fil-kawza **Martin Gauci et vs K.M.L. Manufacturing Limited**, (App 14/11/2007), l-eccezzjoni tar-res judicata hi ta' stretta interpretazzjoni u f'kaz ta' dubju l-eccezzjoni ghandha tigi michuda. F'dan il-kaz il-Qorti hi propensa tichad l-ecezzjoni ghax kif inghad ma hemmx il-prova cara u konkreta tal-eadem res.

**Il-mertu tal-azzjoni**

L-eccezzjoni tal-konvenut hi li l-attur gia thallas ta' sehmu mhux talli hekk izda approprija ruhu mill-ghodda, u l-konvenut inkorra hlasijiet u spejjez minhabba l-agir

skorrett tal-attur kif ukoll l-attur ha flus ta' xoghlijiet li nofshom kienu jispettaw lil konvenut. Il-Qorti tirraviza illi ghal pretensjonijiet tal-konvenut hu gie kanonizzat kreditur fis-somma ta' €19,000. Dan ma jfissirx pero illi l-allegazzjonijiet tal-attur li l-konvenut ukoll thallas ta' xoghlijiet li ghalihom irid jirrifondi lil attur ta' sehmu, jifformaw gia parti mill-konteggi tal-konvenut li waslu ghal kanonizazzjoni ta' kreditu a favur tieghu ta' €19,000. Ovvjament jinkombi fuq min jallega li jipprova l-fatt allegat liema fatt hu attribwibbli lil konvenut u li ghalih irid jirrispondi.

L-attur fl-affidavit tieghu jsemmi diversi nies li ghalihom saru xoghlijiet u fejn il-konvenut thallas in parti jew kollox minghajr ma qasam li dahhal mal-attur. In sostenn ta' dawn l-allegazzjonijiet l-attur pero ipproduca biss uhud mill-persuni biex jikkoroboraw it-tezi tieghu. Yana Grech xehdet li hallset lil konvenut €17,000 ghalkemm l-attur jghid €17,500; madankollu Mariella Leone Ganado xehdet li kienet hallset lil konvenut €2,400 ghalkemm l-attur jghid li l-konvenut zamm €1,500 li ma qasamx mieghu; Josette Azzopardi qalet li halset €7,000 lil konvenut ghalkemm l-attur jixhed li s-somma li ma inqasmitx mill-konvenut mal-attur kienet ta' €4,300; Jennifer Adams xehdet li hallset lil konvenut €12,459 mentri l-attur jixhed li hi biss is-somma ta' €8,700 li ma inqasmitx bejn il-kontendenti.

L-attur ma ressaq ebda prova ohra biex jiggustifika hlasijiet li saru lil konvenut a skapitu ta' sehem l-attur. Ghalkemm hu esebixxa sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tas-6 ta' Ottubru 2017 fl-ismijiet Joseph Borg vs Ludwig Calleja u Keith Balzan Gera biex juri l-agir qarrieqi tal-konvenut fil-konfront ta' terzi, din il-Qorti tqis li din mhix prova sodisfacenti tal-allegazzjonijiet li saru mill-attur meta l-ahjar prova kienet tkun ix-xiehda tal-persuni li hallsu lil konvenut a skapitu ta' sehem l-attur. Mill-banda l-ohra l-konvenut ma ressaqx provi biex ixejjen dak prodott mill-attur in sostenn tat-talbiet tieghu u lanqas gab provi li juru xi hlasijiet jew spejjez lil terzi minn dan l-ammont. Ghalhekk hi dovuta lil attur nofs is-somom ippruvati imhallsa mix-xhieda prodotti minnu u a bazi ta' dak li xehed hu stess cioe €15,750 (nofs €17,000 + €1,500 + €4,300 + €8,700).

Ghalhekk it-talbiet attrici jisthoqqilhom jigu milqugha limitatament ghas-somma ta' €15,750. Il-konvenut pero jissottometti illi f'kaz li t-talbiet attrici jintlaqghu kollha

ghandha issir tpaccija mal-ammont ta' €19,000 depozitata fil-Qorti mill-attur biex jahmel tajjeb ghal kreditu ezekuttiv dovut lil konvenut. Dan hu minnu a bazi tal-artikoli 1196 u 1197 tal-Kap. 16 u ghalhekk mis-somma depozitata fil-Qorti fic-cedola ta' depozitu 634/2016, l-attur ghandu jizbanka s-somma ta' €15,750 oltre l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru maghmul kontestwalment mal-kawza u nofs l-ispejjez ta' din il-kawza kif ser jinghad aktar l-isfel. Il-bilanc jista jigi zbankat mill-konvenut.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tichad l-eccezzjoni tar-res judicata imressqa mill-konvenut u filwaqt li tilqa' t-talbiet attrici limitatament ghall-ammont ta' €15,750 u billi fil-Qorti hemm depozitu maghmul mill-attur favur il-konvenut (cedola ta' depozitu 634/2016), tordna li din is-somma tigi pacuta mis-somma hemm depozitata. L-ispejjez tal-kawza jithallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet filwaqt li l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju jithallsu mill-konvenut, liema spejjez l-attur ghandu jizbankahom kollha mill-flus depozitati fil-Qorti. Il-bilanc rimanenti jappartjeni lil konvenut.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur